Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 148 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Bonnici**

Illum, 6 ta Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Bonnici detenur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru: 204889 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-10 t' Ottubru, 2016, f' diversi hinjiet u fil-granet ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lill-Michael Falzon ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill-istess Michael Falzon fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew b' xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejgu billi biddel is-serratura tal-bieb tal-bejt.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija ai termini tal-Artikolu 377 (3) tal-Kap 0 tordna t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sari r-reat, jew li tordna lill-akkuzat sabiex jikkonforma ruhu mall-ligi fi zmien moghti lilu that dik il-penali li joghgobha timpani l-Qorti fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn ewro u, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali, ordnatlu sabiex fi zmien sebat ijiem jaghti kopja tac-cavetta tal-bieb tal-blokk John Rose Apartments, Triq l-Istamnar, San Pawl il-Bahar lill-Michael Falzon that penali ta' ghaxar ewro kuljum ghal kull gurnata ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Bonnici minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2019 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha sabiex (i) tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Bonnici' tas-7 ta' Mejju, 2019 u tipproċedi skont il-liġi billi tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti; (ii) b'mod alternattiv, u biss subordinarjament tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, ħtija w piena, u (iii) in subsidium fl-eventwalita' li din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti u tħoss li l-imsemmija sentenza m'għandhiex tkun revokata, allura tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet il-ħtija u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellant Joseph Bonnici, u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena li hija tax-xorta u kwantita' li trid il-liġi u piena li hi aktar ekwa considerando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat l-aggravji tal-appellanti Joseph Bonnici u cioe':-

**L-ewwel aggravju: Il-proċeduri huma difettużi u nulli stante li l-appellanti ma ngħatax smiegħ xieraq u ma ġewx rispettati regoli proċedurali mill-iżjed bażiċi;**

1. Illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019, il-prosekuzzjoni ddikjarat lli m'għandhiex iżjed provi x'tipproduċi fil-kawża quddiem l-Ewwel Qorti;

2. Illi sa dan l-istadju l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kienu (i) affidavit ta' WPC 340 u rapport tal-inċident, (ii) Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Limited, (iii) Albert Busuttil in rappreżentanza tal-Enemalta, u (iv) Stefan Attard in rappreżentanza wkoll tal-Enemalta;

3. Illi l-prosekuzzjoni ngħatat l-opportunita' li jitressqu dawn il-provi f'numru ta' seduti, u cioe fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2018, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2018, fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2019, u fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019;

4. Illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019, u cioe fis-seba' seduta mħollija għal dan il-għan, il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandhiex iktar provi x'tipproduċi, u l-kawża tħalliet għas-7 ta' Mejju 2019 għall-provi difiża u trattazzjoni;

5. Illi sa dan l-istadju ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, għal xi raġuni jew oħra, ma kienu bl-ebda mod relatati mal-akkuża maħruġa fil-konfront tal-appellant, u cioe mal-akkuża li l-appellant biddel is-serratura tal-bieb tal-bejt;

6. Illi fis-7 ta' Mejju 2019, b'sorpriża kbira għall-appellant, il-konsulent legali tal-kwerelanti Michael Falzon talab li jitħalla jixhed l-istess kwerelanti. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba minkejja li l-appellanti oġġezzjoni għat-taba peress illi, kif ġie debitament verbalizzat, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019 il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li m'għandhiex iżjed provi x'tipproduċi;

7. Illi kif jidher fil-verbal tas-7 ta' Mejju 2019, "Il-Qorti tilqa' t-talba li jixhed Michael Falzon stante li huwa ċar li peress li din il-kawża u l-kawża fejn l-istess kwerelant huwa imputat kienu qegħdin jimxu flimkien pero' mhux neċessarjament għandhom l-istess provi";

8. Illi bir-rispett kollu dovut din ir-raġuni ma għandha ebda bażi legali. L-

oġġezzjoni tad-difiża kienet purament ibbażata fuq il-fatt li l-kwerelant ma kellux jitħalla jixhed ġialadarba kienu ngħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Il-kawża l-oħra fejn il-kwerelant kien imputat, u liema kawża kienet qiegħda timxi flimkien mal-kawża odjerna, ma kellha ebda rilevanza għall-oġġezzjoni tal-appellanti, u ma kellu jkollha ebda import fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti;

9. Illi l-prosekuzzjoni kienet fid-dmir li ġġib l-aħjar prova u li dan tagħmlu fil-ħin opportun u ċertament mhux wara li tkun diġa' għalqet il-provi tagħha, speċjalment meta din il-prova kienet sa mill-bidu nett disponibbli għaliha;

10. Illi r-regoli proċedurali jridu jiġu segwiti b'iżjed rigorożita' fil-kamp kriminali stante li dawn jeżistu sabiex jipproteġu l-interess tal-partijiet u d-drittijiet tal-imputat, inkluż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq;

11. Illi fil-każ de quo ix-xhieda tal-kwerelanti Michael Falzon kienet filfatt l-ewwel testimonjanza relatata mal-akkuża de quo u b'hekk iktar u iktar ġiet ippreġudikata d-difiża tal-apprelllanti;

12. Illi mhux talli tħalla jixhed il-kwerelanti wara li l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha, talli kif jidher fil-verbal tas-7 ta' Mejju 2019, l-appellanti, wara li xehed hu personalment, talab differiment sabiex jitħarrku x-xhieda msemmija mill-kwerelanti Michael Falzon. Il-prosekuzzjoni u l-parte civile irrimettew ruħhom, iżda l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-esponenti peress li "dawn ix-xhieda kienu magħrufin mill-imputat ferm qabel is-seduta tal-lum u għaldaqstant tiċħad it-talba"!

13. Illi huwa prinċipju bażiku u importantissimu fil-kamp kriminali li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hin minn kull dubju dettat mir-raġuni, u li huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li ġġib tali prova. L-imputat ma għandu ebda obbligu li jġib prova sabiex jiskolpa ruħu mill-akkuża dedotta kontrih sakemm dik l-akkuża ma tkunx ġiet debitament ippruvata;

14. Illi fil-kawża odjerna is-sidien l-oħra tal-blokka John Rose Apartments issemmew l-ewwel darba mill-kwerelanti waqt ix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Mejju 2019, u għalhekk, qabel din id-data, l-appellanti ma kellu ebda interess li jħarrikom bħala xhieda tiegħu!

15. Illi għalhekk huwa ċar li l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, u speċifikament is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, kienet inflitta minn nuqqasijiet proċedurali serjissimi li kisru d-drittijiet fondamentali tal-appellanti u ċaħħduh milli jkollu smiegħ xieraq. Mhux talli l-prosekuzzjoni ngħatat seba' (7) seduti biex tressaq ix-xhieda tagħha filwaqt li l-appellant ingħata seduta waħda (1), talli l-prosekuzzjoni tħalliet iġġib iżjed xhieda wara li kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqa, u agħar minn hekk l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża appellanti li jħarrek ix-xhieda li ġew imsemmija f'dan l-istadju!

**It-tieni aggravju: Illi l-akkuża ma ġietx ippruvata oltre kull dubju dettat mir-raġuni**

1. Illi irrispettivament (għalkemm mingħajr preġudizzju għal) mill-ewwel aggravju, l-appellanti jissottometti li in ogni każ l-akkuża kontrih ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali;

2. Illi ssir referenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Maris Dimech et', fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat l-elementi tar-reat li bih ġie akkużat l-appellant:

Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per

mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato');

3. Illi dawn l-element ma ġew b'ebda mod ippruvati fil-każ de quo. Kif ġja ingħad l-uniku xhieda ta' rilevanza għall-akkuża de quo kienet dik tal-kwerelant Michael Falzon, li madanakollu xorta waħda ma ppruvatx l-akkuża sal-grad rikjest fil-kamp kriminali;

4. Illi bħala eżempju, fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Mejju 2019 il-kwerelant qal biss illi huwa m'għandux aċċess għal fuq il-bejt, u allega wkoll li s-sidien ta' appartamenti oħra fl-istess blokka wkoll m'għandhomx aċċess għal fuq il-bejt;

5. Illi madanakollu, meta mistoqsi in kontro eżami, il-kwerelanti kkonferma li hu qiegħed biss jassumi li l-appellanti kien bidel is-serratura, iżda li ma għandu assolutament ebda prova dwar dan:

Difiża: Sewwa. Inti lis-sur Bonnici rajtu jibdel xi serratura? Ma rajt xejn minn dan hux hekk? Ma rajtux jibdel xi serratura hux hekk?

Xhud: Ma rajtux jibdilha.

Difiża: Rah xi ħaddieħor minn dawn in-nies li semmejt?

Xhud: Le imma hu reponsabbli tal-bieb tal-bejt. Jekk ma bidilhiex hu mela ma bidilha ħadd.

6. Illi anki fuq mistoqsija tal-Qorti, l-appellanti kkonferma li hu qiegħed biss jassumi li l-appellanti biddel is-serratura:

Qorti: Ġieli rajtu lilu fuq il-bejt jew jiftaħ dan il-bieb?

Xhud: Le qatt ma rajtu.

7. Illi ċertament li din it-testimonjanza waħedha ma tistax titqies bħala l-aħjar prova, u inoltre ċertament li ma jistax jingħax li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ġie pruvat ir-reat ta' ragion fattasi lil hin minn kull dubju dettat mir-raġuni. Fir-realta' lanqas ġie ppruvat element wieħed ta' dan ir-reat, iżda saru biss ħafna allegazzjonijiet li ma ġew ikkoraborati bl-ebda mod. Is-sidien l-oħra li, dejjem skont il-kwerelant, l-aċċess tagħhom ukoll ġie mfixkel mill-appellant ma nġabux sabiex jixhdu f'dawn il-proċeduri, u dan stante li l-kwerelant jaf ben tajjeb li l-appellant dejjem tahom aċċess hekk kif inhu obbligat li jagħmel skont il-kuntratt t'akkwist tiegħu;

8. Illi ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħitx ragjonevolment issib ħtija tal-imputat fl-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**It-tielet aggravju: Illi l-piena kienet sproporzjonali fiċ-ċirkostanzi**

1. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, qiegħed umilment jiġi sottomess li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, u cioe il-multa ta' mitejn Ewro (€200) u l-penali ta' għaxar Ewro (€10) għal kull ġurnata ta' ritard biex l-appellanti jgħaddi kopja taċ-ċwievet lill-kwerelanti, kienet wisq ħarxa fiċ-ċirkostanzi;

2. Illi l-appellanti għandu fedina penali netta, u inoltre dejjem mexa mal-obbligi kuntrattwali tiegħu, inkluż li jagħti l-aċċess għall-bejt tiegħu lis-sidien l-oħra meta jkollhom bżonn, kif huwa obbligat li jagħmel bħala s-sid tal-arja tal-blokka de quo;

3. Illi għaldaqstant l-appellant kellu jiġi trattat b'mod iżjed idoneu meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat id-dokumenti kollha inseriti fl-process.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **WPC 340 Abigail Farrugia** mahluf nhar is-7 ta' Novembru,

2016 u spjegat li waqt li kienet xoghol ghall-habta tal-10.00 Michael Falzon mar jirraporta illi huwa sid il-hames flettijiet fil-blokka John Rose Apartments, Triq l-Istammar, San Pawl il Bahar u l-kuntratur li ghandu l-arja ta' fuq din il-blokka u li qed jaghmel xi xoghlijiet hemmhekk kien nehhilu l-access ghal bejt u minhabba f'hekk l-access ghat-tank tal-ilma li jinsab fuq dan il-bejt dan ghaliex biddel is-serratura tal-bieb tal-bejt.

Il-pulizija ghamlet l investigazzjoni taghha u irrizultalha lil-kuntrattur hu l-appellant odjern Joseph Bonnici.

Rat l-okkorenza mehuda minn l-istes **WPC 340 Abigail Farrugia** esebit fl-atti a fol. 13 fejn hemm miktub dak kollu li xehdet dwaru WPC 340 Farrugia gl-affiavit taghha salv ghal fatt li hemm rapportat li Bonnici wahhal pipe mit-tank tal-ilma tal-kwerelant Falzon ghal fejn jahdem hu u qed johodlu l-ilma mit-tank tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** rappresentant ta' Arms Limited u pprezenta xi kontijiet li kienu jghajtu lil Raymond Falzon li gew markati bhala dok RB1 u jirreferu ghall- komun tal-flats John rose flats, Triq l-Istammar San Pawl il Bahar.

Illi nhar il-25 ta Settembru, 2018 rega xehed u ppresenta kopja tal-applikazzjoni ghas-servizz temproanju ta' John Rose, Triq l- Istammar, San Pawl il Bahar li gie markat bhala dok RB2. Ikkonferma li l-aplikazzjoni sareet minn Joseph Bonnici fl-24 ta Ottubru 2016. Iprezenta ukoll document li kien ircieva minghand Enemalta fejnjindika li is-ervizz kien gie maqtugh. Dan hu makrat bhala dok RB 3 flimkien mar rapport likien ghamel Albert Busuttil fuq da nil-meter li gie markat bhala dok RB4 kif ukoll kopja ta kont mahrug mill ARMS li gie markat bhala dok RB5. Stqar li l-kont hu maghuq peress li l-meter ma kienx instab u ghalhekk ippresenta il-prospett li gie markat bhala dok RB 6 u hemm pendent €534.87

Rat ix-xhieda ta' **Albert Busuttil** rappresentant tal-Enemalta ikkonferma li kienu wahlu meter temporanju ma faccata gewwa Triq l-Istammar, Bugibba. L-applikazzjoni saret

minn Joseph Bonnici u jsir meta ser ikun hemm xi zvilupp. Ikkonferma li l-applikazzjoni ssir mill-ARMS li jipprocessawha u wara jibghatu lil Enemalta. Biex il-meter jigi imnehha trid isir applikazjoni ohra. Jumejn wara li gie imwahhal il-meter kien cempillu xi hadd Joseph Bonnici li ma jafx min hu u infurmah lil-meter insteraq u kien qallu biex jirraporta l-ghassa.

Illi nhar l-20 ta Novembru 2018 rega xehed u ikkonferma li verament il-meter kien twahhal u hemm ukoll subject paper li tindika li l-meter ma baqax fil-post. Huwa kien mar fil-post u vverifika li l-meter ma kienx hemm. Ghandu ukoll r-rapport li sar l-ghassa dwar l-meter li instab nieqes. Ir rapport sar fis-6 ta Novembru 2016 u pprezenta dawn id-dokumenti li gew markati bhala dok AB1. Ikkjarifika u spjega il l-ittri TCS ifissru Temporary Consruction Site.

Rat ix-xhieda ta' **Stefan Attard** bhala Distribution tradesman ma l-Enemalta fid-distreett tal-Qawra. Jghid li Joseph Bonnici detentur tal-karta ta' identita numru 204885(M) kien ghamel talba nhar it-16 ta' Dicembru, 2016 biex jitwahhal meter fil-blokka John Roae, Triq l-Istammar, Qawra proprju fil-flat numru 8. Dan kien single phase tad-dawl. Qal li dan gie installat fit-13 ta' Jannar, 2017. Mistoqsi jekk ghadux imwahhal jghid li ma jafx.

**Michael Falzon** , l-kwerelant xehed nhar is-7 ta' Mejju, 2019u spjega likien tela fuq il-bejt tal blokka JohnRose Appartments, Triq l Istannar, Qawra usab pajp tal-ilma imdahhal fit-tank tal-ilma tieghu u sejjer ghal ghnad Joseph Bonnici.Mistoqsi jekk Bonnici kellux xi flat wiegeb fin negattiv u stqar il dak iz-zmien Bonnici kien qieghed jibnu u kien qed jiehu l-ilma mit-tank tieghu u qalli kien qed jiehu d-dawl mill-kamra tal-lift li hemm uq il-bejt.

Wara li mar l-ghassa biex jirraporta mar lura fuq il-bejt biex jidhol u sab li s-serratura tal-bieb tal- bejt kienet giet mibdula u ghalhekk ma setax jiccekja aktar l affarijiet tieghu kemm it-tankijiet tal-ilma kif ukoll il-kamra tal-lift. B'hekk kellu jaghmel rapport iehor il biddilu s-serratura u nehhilu l-accesss ghal fuq il-bejt.

Mistoqsi jekk tkellimx ma Bonnizi qal li kelmu u dan wiegbu li l-arja hija tieghu u li ma kienx ser ibiddel is-serratura. Qal li il-pajp tnehha.

Mistosi kif inhi s-sitwazzjoni illum jghid li mnn Ottubru tas-sena 2016 'l quddiem ma jistax jitla' iktar fuq il-bejt biex jiccekja hux qed jisraqlu d-dawl jew l-ilma. La hu u lanqas is-sidien l-ohr tal-blokka. Qal li huwa jiehu hsieb l-amminsitrazzjoni tal-blokka/

Qal li jekk jieqaf il-lift ma juns jsita jitla fuq il0bejt biex jaggustja il-lift biex jinfetah fuq sular biex johorgu n-nies minn go fih.

Apparti hu hemmukoll Luke Borg, Maryanne Micallef u Judith Pandolfino li ghandhom dritt ghal bejtizda illum had m ghandux access u kollha ghandhom it-tank tal-ilma fuq il-bejt.

Qal lihu qatt ma rah ibiddel is-errtura u lanqas qatt ma rah jiftah il-bieb. Qal pero li huwa biss ghandu interess ibiddel is-serrratura.

Mistoqsi kemm ilujitla fuq il-bejt jghid li l-art kient tieghu u ben ail-blokka flimkien ma huh. Qal li hum inn dejjem joqghod hemmhekk u min ghandu l-flatijiet l-ohra ma jghix hemm.

Qal li kemm il-main tal- komun tad-dawl u tal -ilma huwa f'ismu.

L-imputat **Joseoh Bonnici** jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-7 ta Mejju 2019 u qal li meta xtara l-proprjeta konsistenti fl-arja tal-blokka John rose Triq l Istammar, Qawra ghandu miktub fil-kuntrtt li ghandu jaghti access ghal min ghandu bzonn jirranga xi tank jew il-lift. Qal li kien hemm min staqsih biex itih access u dejjem ta ha. Qal li Falzon qatt ma talbu access u ghalhekk qatt ma tah. Qal li kul min talbu avvess jew ghal tank jew minhabba lift dejjem tah.

Qal li huwa responsabbli ghal bejt skond il-kuntratt u spjega li kul min irid ikollu access irid jitlob lilu u dan jirrizulta mill-kuntratt.

Rat illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti giet annullata minn din il-Qorti b'sentenza preliminari taghha ta' l-14 ta' Novembru, 2019, fejn skond din is-sentenza ordnat li jingiebu quddiemha s-sidien l-ohra tal-bokka kif mitlub mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu u dan biex jixhdu bhala xhieda tad-difiza.

Illi nhar is-6 ta Frar, 2020 xehdet **Judith Alfino** u kkonfermat li hija ghandh appartament numru 3 fil-blokka Jhon Rose Triq l-Isatammar Qawra u jinsab fl-ewwel sular. Qalet li fuq il-bejt tal-blokka ghandha tank tal-ilma u ghandha l-aerial tal -Go. Meta ikollha bzonn access ghal bejt iccempel lil Jospeh Bonnici biex itha l-access u dan ghaliex sa fejn taf hi ghandu cavetta tal- bieb u dan jiehu hsieb li ikollha access.

Qalet li Bonnici xtara l-arja wara li hija kient xtrat il-proprjeta taghha. Hija tghid li qaatt ma kellha cavetta tal-bejt. Hija l-flat tikrih u l-ewwel darba li telghet fuq il-bejt hu meta inghatat access mis-sur Bonnici. Qalet li hija xtrat l-flat taghha tlett snin qabel madwar is-sena 2017.

**Maryanne Micallef** xehdet fl-istess jum tas-6 ta' Frar, 2020 u kkonfermat li ghandha flat numru 6 fil-blokka Johnrose u dan ilu ghandha ghal dawn l-ahhar hames snin. Spjegat li fiz-zmien kient titla tonxor fuq il-bejt izda illum m'ghadx ghandha access ghal bejt u ghandha bzonn iccepel lil Bonnici biex jigi jifthilha. Kopja tac-cavetta tal bieb m'ghandhiex. Tghid li fiz-zmien li kient tonxor cavetta tal-bieb kellha. Qalet li s-sid precedenti kien ta permess titla' fuq il-bejt pero kopja tac-cavetta tal-bieb tal- bejt qatt ma kellha.

**Pauline Borg** xehdet u spjegat li hija tghix ma zewgha Luqa fil-flat 2 Johnrose, Triq l Istammar Qawra uilha tghix hemm tnax-il sena. Qabel kient titla hemm ghal btala pero dawn l-ahhar sentejn marret tghix hemm permanetement. Fuq ik-bejt tghid li ghandha tank tal-ilma u biex titla fuq il-bejt trid iccempel lil Joseph Bonnici bhal per esempju jekk it-tank ikun qed iqattar.

Qalet li qabel kellha cavetta kien tahiela Michael izda wara marret biex tiftah u sabet is-

serratura tal- bieb kienet giet mibdula u ghalhekk cemplet lil Bonnici biex jifthilha.

**Luqa Borg** kkonferma x-xhieda li tat martu pero mistoqsi min biddel is-serratura ighid li ma jafx u jghid li forsi min kien qed jibni il-bejt u cioe l-appellant. Illum cavetta biex imur fuq il-bejt m'ghandux.

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fl-istess seduta tas-6 ta' Frar, 2020.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prdotti jirrizulta li l-appellant xtara l-arja talblokk appartamenti u kien qed jibni pent house fuq din l-arja. Uhud mir-residenti tal- blokka kienu jitilghu fuq il-bejt jew biex jonxru jew biex jiehdu hsieb is-servizz tat-tank tal-ilma taghhom. Jidher pero wara li l-appellant xtara l-arja qabad u biddel is-serratura tal-bieb tal-bejt u b'hekk ir-residenti ma kellhomx iktar access liberu ghall-arja izda kul meta xtaqu jitilghu fuq il-bejt kellhom jitolbu l-appellant ghall-access. Jirrizulta li in effetti l-appellant dejjem ta dan l-access pero ma baqax access liberu. Jirrizulta li fil-fatt kien l-appellant li ha hsieb li jigi installat meter biex jitwahhal fit Temporary Construction Site u kien hu stess li wara talab il jitnehha dan is-servizz.

Illi huwa minnu li had ma ra lill-appellant ibiddel is-serratura pero huwa biss li ghandu cavetta ta da nil-bieb u ghalhekk jekk ma kienx hu li biddel is-serratura kien xi had imqabbad minnu.

Kwantu għar-reat ta' ragion fattasi din il-Qorti diversament presjeduta spjegat li "ir-reat ta' ragion fattasi huwa speċi ta' żona grigja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali. Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew maġisterjalment miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija mill-Imħallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "*Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et.* [1]" u dawn jinkludu:

---

[1] App. Krim. 1-1.10.1944, Vol.XXXll - IV, p.768

(a) *att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar biddissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*

*(b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt*[2]*;*

*(c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali; (d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.*

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, Jew ifixklu fil-pussess tal-ħaga*[3].:[4]

Riferibilment għall-ewwel element kostituttiv tar-reat ta' ragion fattasi, li hu mportanti huwa jekk effettivament sa dak in-nhar li sar l-allegat att ta' spoll kellhomx il-kwerelanti l-pussess, jew l-użu u tgawdija tal-fond in kwistjoni (**Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[5]:).

Illi jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha ( kif donnu huwa l-kaz in desamina). Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta' sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna

---

[2] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[3] Il-Pulizija vs Eileen Said -Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri datata 19 ta Gunju 2002

[4] Ara wkoll per ezempju Il-Pulizija vs Mario Bezzina: App Krim. lnf., 26.6.2004 "Ir-reat ta' ragion fattasi huwa kostitwit mis-segwenti elementi: (I) att estem ii jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi. liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressajew presunta, ta' dan il-ħaddieħor: (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz: tal-awtorita' pubbklika; u 4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. "

[5] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri datata 22 ta Ottubru 2001

jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.F'dan il-kaz jinnghad li r-residenti gew privy mill-fakolta li jitilghu u jaccessaw il-bejt meta iridu fil-ilberta taghhom izda minhabba l-agir tal-appellant illum iridu jitolbu permess lilu biex jiehdu dan l-istess access.

Infatti din il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

*"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*

*Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."*

Ukoll fl-appell ***Pulizija vs John Vassallo***[6], il-Qorti qieset illi

*'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'*

Dan ghaliex:

*'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista'*

---

[6] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

*jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'*[7]

Illi ghalhekk fid-dawl ta dan l-insenjament legali din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ragion fattasi u konsegwentement qieghda tikkofnerma is-entenza appella fir-rigward tal htija.

Fir rigward tal piena l-appellant isostni li kient wahda sproporzjonali u dan ghaleix jghid li ghandu fedina peali netta u mexa skond l-obbligi kontrattwali tieghu. Jinghad fl-ewwel lok li din il-Qorti m ghandhiex kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-appellant. Li taf pero li r-residenti ilhom li gew imfixla mit-tgawdija taghhom ta acess ghal bejt ghall-perijodu ta' tlett snin u nofs u cioe minn Ottubru, 2016.

Il-Qorti rat li l-piena ghal dan ir-reat kif dispost fl-artikolu 85 huwa dak ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur. Huwa biss fid-diskrezzjoni tagħha, li l-Qorti tista minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti gja uzat id-diskrezzjoni taghha meta ma applikatx piena karcerarja.

Dwar il-multa jinghad li skond l-artikoli 11(1) tal-kodici kriminali fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittinċenteżmu (1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa ugħoxrin ċenteżmu (23.29) u ghalhekk l-imposizjoni tal-multa fl-ammont ta mitejn euro (€200) kien lejn il-minimu u konsegwentement il-piena ukoll ser tigi konfermata.

Dwar il-penali l-Qorti rat li fic-cirkostanzi din ukoll ghandha tinghata u dan sabiex ikollha s-serhan tal-mohh li r-residenti ser ikollhom kopja tac-cavetta fi zmien qasir u konsegwentment qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-appellant

---

[7] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

ighaddi kopja tac- cavetta tal-bieb tal-bejt fi zmien sebat ijiem mill illum taht penali ta' ghaxar euro (€10) kuljum fin-nuqqas.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur